MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2010

Numru 882/2002

Il-Qorti ;

Rat li l-imputata Fiona Attard Cucciardi ta’ 29 sena mart Charlon Attard, bint Angelo Cucciardi u Anna nee’ Cutajar, imwielda Pieta’ fl-10 ta’ Lulju 1981 u residenti 2 ‘Cuore Rosso Nero’, Dahlet it-Tempju Megalitiku, B’Kara u detentrici tal-karta tal-identita’ numru 378281(M) giet mressqa quddiemha akkuzata talli :

Bejn Dicembru 2009 u Lulju 2010, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li kisru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b’qerq iehor, ingann jew billi wriet haga b’ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta’ aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-

detriment ta’ Donna Zammit detentrici tal-karta tal-identita’ numru 458388(M), ai termini ta’ l-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, xjentement ghamlet falsifikazjzoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat b’falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, dispozizzjonijet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, ai terminu ta’ l-artikolu u 183 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, giet fil-pussess tal-karta ta’ l-identita’ ta’ Donna Zammit minghajr ma rritornata lilha u ghamlet uzu mill-istess karta tal-identita’ minaghajr awtorizazzjoni, ai termini tal-artikolu 12(1)(2) tal-Kap 258 tal-Ligijiet ta’ Malta

Il-Qorti kienet miltuba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputata sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jqasmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputata kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar it-12 ta’ Novembru 2010 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputata wiegbet li hija hatja, din il-Qorti wissietha b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba taghha u tatha zmien xieraq sabiex jekk trid terga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietha it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputata, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja ta’ l-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll l-fatt li

ghandha fedina penali netta kif ukoll il-fatt li l-ammont kollu nvolut thallas lura lill-vittma.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 18, 308, 309, 310, 183 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 12 (1)(2) tal-Kap. 258 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti issib lill-imputata hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessi u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor sa zmien tlett(3) snin millum.

Wara li rat l-Artikoli 392 A (2) u 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tordna li l-atti kollha ta’ dan il-process flimkien ma kopja tas-sentenza jintbghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------